**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Johann J Fenech]**

**vs**

**Charles Cutajar**

**Kumpilazzjoni Numru: 363/14**

**Illum, 20 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charles Cutajar detentur tal-karta tal-identita` numru 469586M.

Akkuzat talli fit-18 ta' Gunju 2013, ghall-habta tal-10:45hrs gewwa triq Haz-Zabbar, Zejtun:

1. Saq l-imsemmija vettura bin-numru CAR-340 b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, u (c) bla kont;
2. B'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hil fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura Nru KAG-569 u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Paul Mifsud; u
3. Aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi taskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku:
    (a) Involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rosaria Mifsud skont kif iccertifika Dr Sayuru Dijjan Ayale M.D. Reg. 5375 mill-M.D.H.;
    (b) Involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Ruth Mifsud u Corinne Bonnici skont kif iccertifiak Dr Jonathan Joslin M.D. Reg. 1920 mill-M.D.H.; u

(c) Involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Marija Farrugia skont kif iccertifka Dr Jonathan Joslin M.D. Reg. 1920 mill-M.D.H.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tiskwalifika lill-imputat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq.

***1. Sewqan bla kont, traskurat u perikoluz***

Illi a rigward is-sewqan traskurat u bla kont il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet li jiddibattu dan il-punt fosthom decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> ***"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud deciz fis- 6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet: Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]".***

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

> ***"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs. Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs. Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".***

Illi mill-provi prodotti hareg illi l-imputat Charles Cutajar kien gej mid-direzzjoni opposta tal-parte civile go triq pjuttost wiesa' meta ghal xi raguni habat mal-istess parte civile bil-quddiem. Illi f'dawn il-proceduri kien hemm zewg verzjonijiet dik tal-imputat li qal li l-parte civile dahlet fil-karreggjata tieghu u habtet mieghu, imbaghad hemm tal-parte civile u tax-xhud okulari Carmen Muscat li xehdet illi il-parte civile kienet qed issuq quddiemha fil-karreggjata taghha u ghal xi raguni vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta dahlet ghal karreggjata tal-parte civile u tatha daqqa. Ix-xhud tghid illi hija ntebhet bil-manuvra tal-imputat meta ratu gej b'manuvra dubjuza u ghaldaqstant hi kienet pronta tieqaf izda il-parte civile mid-dehra ma kienitx daqshekk zvelta ghaliex il-karrozza kienet aktar vicin lejha milli lejn ix-xhud Carmen Muscat.

Fil-fatt din tghid fix-xhieda taghha a fol tnejn u hamsin (52) tal-process:

> ***“. . . kont qed insuq u quddiemi kien hemm karrozza bajda, sadanittant ma kontx naf ta’ min hi. X’hin kont qieghda nsuq nara karrozza mill-faccata hejja u l-manuvra li ghamlet issusspettatni u jiena bhal qisni sslowjajt u lit-tifla tieghi li kienet ma genbi ghidtilha: Ha nara x’se jaghmel dan u qisni bhal waqaft u rajt l-incident isehh. Din il-vettura baqghet diehla fuq in-naha tax-xufier, taghtiha daqqa, l-karrozza tmur lura u jerga jaghtiha daqqa ohra minn quddiem.”***

Illi minn imkien ma hareg illi forsi l-imputat kellu xi hsara fil-karrozza jew li hassu hazin li allura kien ikun gustifikat illi jaghmel dik il-manuvra.

Fil-fatt wara l-impatt li kaxkar il-karrozza tal-parte civile diversi metri kif jistghu jixhdu d-diversi ritratti esebiti, l-istess parte civile Rosaria Mifsud garrbet griehi serji bil-konsegwenza illi hija qed issofri dizabilita` permanenti ta’ sittax fil-mija (16%) hekk kif iccertifika Dr. Dennis Mallia li kien imqabbad minn din il-Qorti diversament presjeduta u liema rapport gie kkonfermat ukoll quddiem din il-Qorti.

Illi jirrizulta wkoll illi anke l-erba’ tfajliet li kienu rekbin mal-parte civile sofrew xi griehi hfief hekk kif iccertifika u xehed Dr. Jonathan Joslin li kien mar fuq il-post.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss illi a bazi ta’ dak li ntqal hawn fuq u anke a bazi tal-impatt qawwi tal-incident, dawn l-akkuzi gew ippruvati.

**4. B'nuqqas ta' hila u traskuragni gew ikkagunati hsarat**

Illi m'hemmx dubju illi dakinhar tat-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013), l-imputat Charles Cutajar kien qieghed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni CAR-340 meta ghal xi raguni ghadda ghal fuq il-karreggjata opposta u habat vjolentement ma' vettura ta' Rosaria Mifsud bin-numru ta' registrazzjoni KAG-569 u kkagunalha hsarat estensivi. Dan anke kif hareg mid-diversi dokumenti in atti u anke mix-xhieda tal-pulizija li mar fuq l-incident immedjatament wara li gara u fejn sabu l-istess karrozza kif jista' juri l-istess skizz ipprezentat.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju illi din l-akkuza giet ukoll ippruvata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 15 (1)(a)(2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 u Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Charles Cutajar** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal multa ta' elfejn ewro (€2,000) flimkien ma' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tmient'ijiem (8) dekorribbli minn nofs il-lejl ta' ghada.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**